**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **l-Erbgha 4 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Sami Farhat Ali Ben El Mokthar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Settembru 2007 - migjuba kontra:

Sami Farhat Ali Ben El Mokthar ta' 41 sena iben Farhat u Awisha Mohamed Ben it-Tahar, imwieled Tripoli, nhar it-23 ta' April, 1976, residenti fil-fond numru 8, St Mary Flats, Flat 2, Triq Bordino, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Passaport Libjan numru 403161

Akkuzat talli nhar it-03 ta' Settembru, 2007, ghal habta tat-1500 hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra

a) Iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta ghamel l-imsemmi rapport u dan ai termini tal-artikolu 110, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Bil-hsieb li jaghmel hsara lil Hassan Ali Abdel Salam akkuza lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat waqt li kien jaf li din il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu ttrattati u decizi bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li dawn l-proceduri jigu hekk trattati u decizi.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet fil-Mertu**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija arrestaw lil certu Hasan Omar Ali Abdel Salem, Libjan, rigward jekk kellux visa jew le biex joqghod Malta. Dan l-arrest sar Ghawdex. Dan stqarr li l-passaport tieghu kien qieghed Malta ghand habib tieghu, Bugibba.
2. Il-Pulizija ghamlu kuntatt ma dan il-habib ta' Salem bit-telefon, u certa Victoria Said gabet l-passaport l-ghassa.
3. Meta l-Pulizija raw il-passaport, indunaw li kien hemm differenza bejn ir-ritratt fil-passport u l-persuna arrestata.
4. Salem inzamm arrestat.
5. Ftit granet wara, l-imputat ghamel rapport l-ghassa tal-Qawra fejn qal li fl-ahhar hmistax kien joqghod San Pawl il-Bahar ma' Salem. Ftit granet qabel kien ta lil Hasan il-passaport tieghu u LM250.00, *"because he wanted Hassan to join him at school learning English here in Malta."* Hassan baqa' ma rritornax il-passaport u l-flus u ma kienx qieghed jirrispondi l-mobile tieghu.
6. Meta regghu kellmuh il-Pulizija, Hassan qal li meta l-Pulizija kienu cemplu ghal passaport, huma kienu cemplu lill-imputat, u kien l-imputat innifsu li ta l-passaport

tieghu lil Victoria Said sabiex din ittih lill-Pulizija. Victoria Said ikkonfermat dak li qal Hasan.

Fix-xhieda tieghu, Hasan qal li meta l-pulizija staqsewh ghal passaport, hu cempel lil Basid, li hu habib tal-imputat, u li joqghodu fl-istess dar. Skond hu minflok gabulu l-passaport tieghu, gabulu l-passaport tal-imputat.

Victoria Said xehdet li Hasan hu l-boyfriend taghha, u kien cemplilha meta kien qieghed l-ghassa biex tmur iggiblu l-passaport minn Malta. Hija marret Malta biex iggiblu l-passaport, u ltaqghet ma' ragel San Pawl il-Bahar jismu Basid, u ma kinietx tafu qabel. Dan taha l-passaport u hi regghet marret Ghawdex u tat il-passaport lill-Pulizija.

L-imputat qal li hu kien qieghed jistudja l-Ingliz fi skola hawn Malta u nqalghetlu problema dwar il-visa. Il-kugin tieghu, Abdel Baset (mill-provi jidher li huwa l-istess persuna li x-xhud Victoria Said irriferiet ghalih bhala Basid), li kien jghix jghix hawn Malta, qallu li kellu habib tieghu, certu Hasan illi sablu skola ohra biex ikompli jistudja l-Ingliz u fl-istess hin kien se jiehu hsieb il-visa tieghu biex ikun jista' jibqa' hawn Malta. Huwa qallu li kienet se tigi t-tfajla ta' Hassan biex jaghtiha l-passaport u l-flus biex tirrangalu ghall-iskola u ghall-visa. L-imputat jghid li hu ta l-passaport u l-flus lil Baset u dan nizel mill-flat tieghu u rahom itihom lil tfajla.

L-imputat jghid li hu baqa' jistaqsi lil kugin tieghu Baset meta Hassan kien se jirritornalu l-passaport, u wara xi tlett ijiem, Baset ammetta li ma setghax jikkuntatja lil Hassan, u tah parir jaghmel rapport lil Pulizija, kif fil-fatt l-imputat ghamel.

L-ewwel imputazzjoni tal-imputat hija dik tar-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi hekk: *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**, deciza fis-16 ta' Frar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[1] irriteniet hekk: *"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fis-subartikolu (2) tal-artikolu 110 – is-simulazzjoni ta' reat – dan bhal kaz ta' kalunja* (Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali)*, jinqasam fis-simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. ... ... Is-simulazzjoni verbali jew diretta imbaghad tirrikjedi semplicement li l-agent ikun idddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx. ... ...*

*Certament is-semplici fatt li wiehed joqghod fuq dak li jkun qallu haddiehor, minghajr ma jkollu raguni ghaliex jahseb li dak li qallu haddiehor ma kienx minnu, ma jwassalx ghar-reat in dezamina."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti ghandha quddiemha kunflitt fil-verzjoni tat-tlett xhieda – tnejn migjuba mill-Prosekuzzjoni u x-xhieda tal-imputat.

Il-Qorti tibda biex tosserva li hemm kontradizzjoni importanti bejn iz-zewg xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni. Fil-waqt li Hassan jghid, li meta gie arrestat, hu cempel lil Basid biex igiblu l-passaport, Victoria Said, li tat il-passaport lill-Pulizija, xehdet li kien cemplilha Hassan biex iggiblu l-passport minn Malta, ghalkemm imbaghad xehdet li l-passaport kien ghaddiehula Basid.

Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li fix-xhieda tieghu Hassan ammetta li hu ma kellux visa biex joqghod hawn Malta. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma ssibix kredibbli li Hassan mar Ghawdex – mill-provi ma jirrizultax ghalfejn jew kemm kien ilu hemm – u ma hax mieghu dokument daqshekk importanti bhal passaport, u minflok hallih ma habib tieghu hawn Malta. Inoltre fix-xhieda tieghu Hassan jammetti li hu pprova jahrab mill-Ghassa ta' Ghawdex – dan jindika li Hassan kellu l-faham miblul, u li probabbilment lanqas kellu passaport, ghax fl-ewwel lok kieku ma ipprovax jahrab, u fit-tieni lok, kieku b'xi mod jew iehor il-passaport veru tieghu instab u ngab l-Ghassa ta' Ghawdex – haga li ma tirrizultax mill-provi.

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

Min-naha l-ohra il-verzjoni tal-fatti tal-imputat hija wahda kredibbli fuq bazi ta' probabbilita. Hu ried jibqa' jistudja Malta, u kuginuh Basid qallu li Hassan kien jirnexxielu igiblu visa u skola fejn jistudja u ghalhekk ta' l-passaport lil Basid biex itih lil Hassan.

Fl-opinjoni tal-Qorti, Basid kien jaf – ghax cempillu Hassan mill-ghassa – li Hassan spicca arrestat u l-Pulizija kienu qieghdin jitolbuh l-passaport, u biex jghin lil siehbu Hassan, ivvinta storja biex l-imputat itih il-passaport tieghu, u b'hekk Basid ikun jista' jghaddih lit-tfajla ta' Hassan biex din taghtih lill-Pulizija. Imbaghad meta l-imputat baqa' jinsisti biex Hassan itih lura l-passaport, Basid tah parir biex jaghmel rapport lill-Pulizija. Ghal xi raguni li din il-Qorti ma tistax tifhem, il-Prosekuzzjoni ma deherilix li kellha ttella' lil Basid bhala xhud, meta hu ovvju li kien involut sa ghonqu f'din l-istorja.

Ghaldaqstant, il-Pulizija ma rnexxielix tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li meta l-imputat ghamel ir-rapport kontra Hassan lill-Pulizija, hu kien konsapevoli li r-reat li hu kien qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**